# ĦARSA LEJN IL-BEI

2024

Bank Ewropew tal-Investiment

**Ħarsa lejn il-BEI**

**© Bank Ewropew tal-Investiment, 2024.**
98-100, boulevard Konrad Adenauer
L-2950 Il-Lussemburgu
+352 4379-1
info@eib.org
www.eib.org
twitter.com/eib
facebook.com/europeaninvestmentbank
youtube.com/eibtheeubank

Kull dritt riżervat.
Kwalunkwe mistoqsija dwar drittijiet u liċenzjar għandha tiġi indirizzata lil publications@eib.org.

Għal aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-BEI, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit web tagħna, www.eib.org. Tista' tikkuntattjana wkoll fuq info@eib.org.
Irċievi l-bullettin elettroniku tagħna fuq www.eib.org/sign-up.

© Krediti tar-ritratti: Shutterstock, Artem Hetman/UNDP Ukraine, CTP, RocSys, Darcy Levison/WHO, VARJO.

Ippubblikat mill-Bank Ewropew tal-Investiment.
Stampat fuq Karta FSC®.

pdf: QH-02-23-327-MT-N ISBN 978-92-861-5721-9 doi: 10.2867/922138

# ĦARSA LEJN IL-BEI

Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) huwa l-bank tal-Unjoni Ewropea u wieħed mill-akbar fornituri ta' finanzjament għal azzjoni klimatika.

Sa mit-twaqqif tagħna fl-1958, il-BEI investa aktar minn triljun euro fi proġetti fl-Ewropa u f'pajjiżi madwar id-dinja kollha. Filwaqt li l-azzjoni klimatika hija parti kbira mill-attivitajiet tagħna, aħna niffokaw ukoll fuq l-ambjent, l-iżvilupp, l-innovazzjoni u l-ħiliet, in-negozji ta' daqs żgħir u medju (SMEs), l-infrastruttura u l-koeżjoni.

Il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI), li jagħmel parti mill-Grupp tal-BEI, jispeċjalizza fl-appoġġ tal-SMEs, fejn jipprovdi finanzjament għal negozji ġodda, it-tkabbir, l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp, l-impjiegi u l-iżvilupp reġjonali.

Il-BEI jaħdem ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE biex irawwem l-integrazzjoni Ewropea, jippromwovi l-iżvilupp fl-Unjoni Ewropea u jappoġġja l-politiki tal-UE. Madwar l-Ewropa kollha, l-investiment tagħna jqarreb aktar lill-pajjiżi tal-UE.

Il-ħidma tagħna testendi lil hinn mill-Ewropa għal aktar minn 160 pajjiż. Permezz ta' BEI Globali, li twaqqfet fl-2022 biex jiżdied l-impatt tal-finanzjament tagħna għall-iżvilupp, aħna ngħinu nindirizzaw sfidi globali u noħolqu tkabbir u opportunitajiet fid-dinja kollha.

# L-IMPATT TAGĦNA FL- 2023

**€320 biljun**
investiment appoġġjat mill-Grupp tal-BEI

**€87.85 biljun**
finanzjament tal-Grupp tal-BEI

**€49 biljun**
finanzjament ekoloġiku

**€49.8 biljun**
miġbura fis-swieq tal-bonds

**€20 biljun**
intrapriżi ta' daqs żgħir u medju

**€26.8 biljun**
enerġija sostenibbli u riżorsi naturali

**€19.76 biljun**
innovazzjoni, teknoloġija diġitali u għarfien

**5.4 miljun**
impjiegi għal negozji ta' daqs żgħir u medju

**4.9 miljun**
persuni jixorbu ilma aktar sigur

## Il-finanzjament tal-BEI fl-2023 kien ta' €75.14 biljun, inklużi €8.44 biljun minn BEI Globali

**13.8 miljun**
unitajiet domestiċi bl-enerġija elettrika

**17.3 miljun**
persuni li jibbenefikaw minn infrastruttura mtejba

**11.6 miljun**
abbonamenti 5G

**254 miljun**
vjaġġi addizzjonali bit-trasport pubbliku

**1.5 miljun**
persuni protetti mill-għargħar

**21 700 MW**
kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli

**42 988 km**
linji tal-enerġija installati jew aġġornati

**13-il miljun**
miters intelliġenti tal-enerġija installati

**130.6 miljun**
persuni li rċevew servizzi tas-saħħa aħjar, inklużi tilqimiet



**Il-kumpless ta' Kolos għall-isports u r-riabilitazzjoni għal persuni b'diżabbiltajiet infetaħ f'Mejju 2023 f'Reshetylivka, l-Ukrajna, wara rikostruzzjoni estensiva appoġġjata mill-BEI.**

# APPOĠĠ GĦALL-UKRAJNA

L-invażjoni tal-Ukrajna fuq skala sħiħa mir-Russja tkompli tikkawża sofferenza terribbli, qerda massiva tal-infrastruttura, l-ibliet u l-komunitajiet u sfrattu kbir fl-ekonomija. Il-BEI jappoġġja lill-awtoritajiet Ukreni u l-poplu tal-Ukrajna. Nappoġġjaw Ukrajna indipendenti.

Bħala parti minn rispons koordinat tal-UE u rispons internazzjonali għal din il-kriżi, il-Bank immobilizza appoġġ finanzjarju permezz tal-Pakkett ta' Solidarjetà tal-BEI għall-Ukrajna biex jgħin lill-gvern jilħaq bżonnijiet ta' likwidità urġenti, u għaldaqstant jiżgura li l-ikel, il-provvisti mediċi u l-fjuwil jibqgħu disponibbli għall-Ukreni.

L-għajnuna pprovduta mill-BEI fl-2023 ffokat fuq il-Fond tal-UE għall-Ukrajna, li joffri għajnuna fis-setturi kollha, inkluż investiment ta' kapital ta' riskju għas-settur privat.

L-Istat Membri tal-UE wiegħdu aktar minn €400 miljun lil dan il-fond tal-BEI għal setturi bħas-saħħa, it-trasport, l-edukazzjoni, is-sigurtà ċibernetika, l-infrastruttura soċjali kritika u s-settur privat.

L-assistenza tal-BEI l-oħra lill-Ukrajna tinkludi:

- garanzija tal-UE li tippermetti lill-Bank jagħmel disponibbli €100 miljun f'finanzjament għal irkupru rapidu, bħal tiswijiet infrastrutturali muniċipali jew tal-enerġija;;
- €100 miljun f'assistenza konsultattiva u teknika mill-fondi tal-BEI stess biex tgħin lill-Ukrajna tħejji proġetti ta' rkupru.

**Il-kumpanija tal-loġistika CTP qed tibdel is-soqfa tal-faċilitajiet tagħha f’farms enormi tal-enerġija solari, u għaldaqstant jitnaqqsu l-ispejjeż u l-emissjonijiet għall-inkwilini tagħha. Il-BEI appoġġja lil CTP b'self ta’ €200 miljun fl-2023.**



# IL-KLIMA U L-ENERĠIJA

It-tibdil fil-klima huwa l-isfida globali ewlenija tal-ġenerazzjoni tagħna. Il-kisba tal-miri klimatiċi se tiddetermina l-benesseri ta' uliedna. L-għanijiet tal-klima u tal-enerġija tal-BEI qed jissettjaw standards ġodda fl-Ewropa u lil hinn minnha. Ma nappoġġjawx proġetti tal-fjuwils fossili u niddedikaw aktar minn 50% tal-investimenti tagħna għall-azzjoni klimatika u s-sostenibbiltà.

L-investimenti tal-BEI jappoġġjaw it-tranżizzjoni ekoloġika. Bħala l-bank tal-UE għall-klima, il-BEI qed jgħin biex jiġu sodisfatti l-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi — it-trattat internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima — u l-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti. Aħna wegħidna €1 triljun f'investiment għall-klima u l-ambjent sal-2030 u ninsabu f'pożizzjoni tajba li nilħqu dik il-mira.

L-attivitajiet tal-BEI aċċelleraw it-tkabbir ekoloġiku u d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomiji. Aħna nappoġġjaw l-effiċjenza fl-enerġija u l-proġetti ta' enerġija rinnovabbli, li jgħinu biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju u jsaħħu s-sigurtà tal-enerġija tagħna.

L-investimenti tal-BEI jiġġieldu wkoll kontra l-effetti tat-tibdil fil-klima fuq komunitajiet vulnerabbli, fejn jipproteġu l-bijodiversità u jippromwovu l-biedja sostenibbli. Nippreżervaw ir-riżorsi naturali u qed nagħmlu l-ambjent post sigur għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Kull proġett li l-BEI jappoġġja, sew jekk ikun għall-innovazzjoni, għan-negozji ż-żgħar jew għall-infrastruttura, irid ikun allinjat mal-għanijiet klimatiċi tagħna. Nappoġġjaw proġetti li jħarsu l-ambjent li se jgħixu fih it-tfal tagħna, anke waqt li nkunu innovattivi sabiex il-ġejjieni tagħhom ikun aktar għani.




**Il-kumpanija Olandiża Rocsys irċeviet self ta' €18-il miljun mill-BEI fl-2023 biex tiżviluppa tagħmir għal driegħ robotiku li jikkollega kejbils tal-iċċarġjar ma' vetturi permezz ta' touch sensors biex jimitaw l-azzjonijiet umani.**

# INNOVAZZJONI

L-innovazzjoni hija l-qalb li tħabbat tal-progress tal-bniedem. Din ittejjeb il-benesseri, tmexxi l-prosperità u hija ta' benefiċċju għall-ġenerazzjonijiet futuri. Hija kruċjali għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi.

Il-Grupp tal-BEI huwa impenjat li jkisser l-ostakli tal-investiment u jgħin lill-Unjoni Ewropea tmexxi l-mewġa li jmiss tal-innovazzjoni. L-innovazzjoni żżomm lill-Ewropa kompetittiva u toħloq impjiegi b'valur għoli. Il-BEI isostni l-bosta stadji tal-innovazzjoni, billi jappoġġja l-ideat li jtejbu l-istandards tal-għajxien.

Aħna nappoġġjaw ir-riċerka u l-iżvilupp fuq skala kbira kif ukoll lil ditti speċjalizzati żgħar. L-investimenti tagħna f'setturi bħat-telekomuni-kazzjoni, l-avjazzjoni, il-mediċina u d-diġitalizzazzjoni huma siġill ta' approvazzjoni li jattiraw finanzjament addizzjonali mis-settur privat lejn dawk il-proġetti.

Bis-saħħa ta' self mill-BEI, l-universitajiet jistgħu jibnu u jespandu l-faċilitajiet tar-riċerka tagħhom. Il-kumpaniji fl-istadju tal-bidu jistgħu jżidu l-persunal tagħhom u jtejbu t-tagħmir tagħhom. L-ideat mill-aktar avvanzati jiġu ttrasformati f'suċċessi tan-negozju.



Fl-2023, self ta' €1 miljun mill-BEI għen biex isiru tiswijiet fl-Iskola V.I. Vernadskyi f'Poltava Oblast, l-Ukrajna.

# INKLUŻJONI

Il-BEI jagħti s-setgħa lin-negozji żgħar u liż-żgħażagħ u jappoġġja lill-intraprendituri nisa billi jagħtihom aċċess għal self u kkowċjar. Aħna nagħmluha possibbli għan-nies bi dħul baxx, għal dawk li jaħdmu għal rashom u għall-mikrointrapriżi biex jiksbu finanzjament u konsulenza dwar in-negozju sabiex il-proġetti tagħhom jirnexxu.

Il-BEI estenda l-appoġġ tiegħu għall-istituzzjonijiet lokali ta' mikrofinanzjament f'reġjuni fejn in-nies sikwit ma għandhom l-ebda aċċess għall-banek. Fejn in-nies jistgħu jiksbu kreditu, in-negozji jimpjegaw aktar ħaddiema, in-nisa jsiru indipendenti, l-ispostament jitnaqqas u l-unitajiet domestiċi jistgħu jaħdmu biex ma jibqgħux jgħixu fil-faqar.

Ngħinu biex niżguraw li ħadd ma jibqa' lura. Nipprovdu djar siguri u effiċjenti fl-użu tal-enerġija għal popolazzjonijiet bi dħul aktar baxx. L-investimenti tagħna joħolqu opportunitajiet madwar id-dinja għal komunitajiet rurali, u għan-nisa u t-tfal.



**F'Settembru 2023, il-BEI approva self ta' €750 miljun għar-riabilitazzjoni ta' kważi 22 kilometru ta' linji tal-ferroviji tal-passiġġieri f'Alexandria, biż-żieda ta' vaguni ġodda, ir-rinovazzjoni tal-istazzjonijiet u l-konverżjoni tal-magni tad-diżil għal sistemi mħaddma bl-elettriku.**

# IMPENN U KOMPETENZA ESPERTA GĦAL FUTUR SOSTENIBBLI

Il-BEI huwa responsabbli lejn iċ-ċittadini tal-UE. Jappoġġja proġetti li jippromwovu l-prijoritajiet u l-objettivi tal-Unjoni Ewropea, inklużi l-klima u s-sostenibbilità ambjentali, l-innovazzjoni u l-ħiliet, l-infrastruttura, l-SMEs, il-koeżjoni u l-iżvilupp.

Il-persunal tagħna jikkonsisti f'ekonomisti, inġiniera, analisti finanzjarji u speċjalisti dwar il-klima li jaħdmu ta' kuljum ma' esperti lokali, istituzzjonijiet u gvernijiet madwar id-dinja.

Il-BEI huwa finanzjarjament awtonomu u jiġbor il-flus billi joħroġ bonds fuq is-swieq kapitali internazzjonali. Minħabba l-klassifikazzjoni ta' kreditu eċċellenti tagħna nistgħu niġbru fondi b'termini favorevoli u aħna ngħaddu dawn il-benefiċċji lill-klijenti tagħna.

Normalment, aħna ma nsellfux aktar minn nofs l-ispiża ta' proġett. L-involviment tal-BEI huwa mfassal biex jaġixxi bħala katalist biex jattira s-settur privat, sabiex jiżdied l-investiment.

L-esperti tas-swieq kapitali tal-BEI ħolqu u żviluppaw is-suq tal-bonds ekoloġiċi u tas-sostenibbiltà. Aħna l-akbar emittent sovranazzjonali ta' bonds ekoloġiċi, li jappoġġjaw l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza fl-enerġija, l-ilma nadif u s-sanità.



**Fl-2023, il-BEI issieħeb mal-Kummissjoni Ewropea u l-Bill & Melinda Gates Foundation biex ikopri t-tilqimiet tal-poljo għal kważi 370 miljun tifel u tifla kull sena fl-Afrika.**

# BEI GLOBALI

L-isfidi u l-opportunitajiet kbar tal-lum huma globali billi l-ekonomiji kollha tagħna huma interkonnessi. Il-prosperità f'reġjun wieħed tippromwovi l-prosperità kullimkien.

BEI Globali, il-fergħa tal-iżvilupp tal-BEI, tiġbor ir-riżorsi kollha tal-Bank biex jirfed l-attivitajiet barra mill-Unjoni Ewropea. Hija mfassla biex trawwem sħubiji sodi u ffokati mat-Tim Ewropa, magħmul mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE għall-gvern u l-finanzi.

Bħala parti mit-Tim Ewropa, aħna nappoġġjaw il-Global Gateway, strateġija Ewropea għall-investiment fi proġetti sostenibbli ta' kwalità għolja madwar id-dinja li huma tajbin għan-nies u għall-pjaneta.

BEI Globali miexja sew biex tiffaċilita mill-inqas terz tat-€300 biljun ta' investiment li Global Gateway għandha l-mira li timmobilizza sal-2027. Dan se jgħin jappoġġja proġetti li huma ffokati fuq id-diġitalizzazzjoni, li jgħinu biex jintlaħqu l-isfidi tat-tibdil fil-klima, l-enerġija nadifa, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u t-trasport.

BEI Globali tressaqna eqreb lejn in-nies lokali, il-kumpaniji u l-istituzzjonijiet, billi tikkondividi l-għarfien tas-settur tal-BEI u tipprovdi pariri indipendenti. Dawn is-servizzi ta' konsulenza jistgħu jakkumpanjaw il-prodotti finanzjarji tal-Bank, u jistgħu jiġu offruti wkoll indipendentement minn kwalunkwe finanzjament.

BEI Globali taħdem permezz ta' kooperazzjoni effiċjenti mal-imsieħba u l-benefiċjarji tagħna, ma' istituzzjonijiet finanzjarji għall-iżvilupp, u s-soċjetà ċivili. Il-punt aħħari: aktar impatt mill-finanzjament tagħna.



Il-Grupp tal-BEI jikkonsisti fil-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u l-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI).

Il-BEI huwa l-bank tal-Unjoni Ewropea. Huwa wieħed mill-akbar mutwanti u mutwatarju multilaterali fid-dinja. Ibbażat fil-Lussemburgu, il-Bank għandu network ta' uffiċċji lokali u reġjonali fl-Ewropa u lil hinn minnha.

Il-FEI jappoġġja n-negozji ż-żgħar billi jtejjeb l-aċċess tagħhom għall-finanzjament fl-Ewropa u f'għadd ta' pajjiżi mhux fl-UE. Il-FEI ifassal u jiżviluppa kapital ta' riskju u tkabbir, garanziji u strumenti ta' mikrofinanzjament għall-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-impjiegi.

BEI Globali hija l-fergħa tal-iżvilupp internazzjonali tal-BEI. Hija impenjata lejn il-finanzjament tal-azzjoni klimatika, l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà madwar id-dinja.

01/2024 MT pdf: ISBN 978-92-861-5721-9